MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-1 ta' Jannar, 1900

Numru 933/2003

Il-Pulizija
(Sp Alfred Mallia)
vs
Philip Pace, iben Vincent,
imwieled Pieta’ fl-10 ta’
ottubru, 1959
u
Joseph Pace, iben Philip,
imwieled Pieta’ fid-29 ta’ lulju, 1980
u
Oliver Pace, iben Philip,
imwieled Pieta’ fl-1 ta’ marzu,
1982

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –

1. talli f'Bormla, fit-2 ta' mejju, 2003 għal ħabta tal-11.00 a.m., mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' Michael Brignone, minn Bormla, f'perikolu ċar ħebbew għall-istess Brignone u ikkaġunawlu ġrieħi ta' natura ġravi skond ma ċċertifika Dr. J. Cassar taċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Bormla;
2. talli fl-istess ċirkostanżi volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u ġlied;
Il-Qorti ġiet mitluba li tapplika l-artikolu 383 tal-kodiċi Kriminali għas-sigurta' ta' Michael Brignone u tal-familja tiegħu.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet ix-xhieda ta' Michael Brignone fejn ħafer lill-imputati kollha.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' mejju, 2005 fejn Philip Pace ammetta l-akkużi miġjuba iżda ddikjara li t-tfal tiegħu ma għandhom xejn x'jaqsmu mal-każ. Il-Qorti nnota li l-imputatiJoseph u Oliver aħwa Pace għandhom problemi mentali u fisiċi.

Għaldaqstant, ma ssibx lil Joseph Pace u Oliver Pace ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom. Issib lil Philip Pace ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 214, 216 u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena
mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------